Nru. 17,806
Prezz 96c
Price 96c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 16 ta' Awissu, 2005
Tuesday, 16th August, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 860

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,803 u 17,805 tad-9 u t-12 ta' Awissu, 2005, rispettivament.

A.L. Nru. 283 ta' l-2005: Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu (Kap. 409); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Stabbilimenti ta' Akkomodazzjoni Turistika.

A.L. Nru. 284 ta' l-2005: Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu (Kap. 409); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet għat-Turiżmu.

A.L. Nru. 285 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 dwar Metodi ta' Analiżi għall-Kontroll Uffiċjali ta' l-Għalf.

A.L. Nru. 286 ta' l-2005: Att ta' l-2005 li Jemenda Diversi Liġijiet (Att Nru. XIII ta' l-2005); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 287 ta' l-2005: Att ta' l-2005 biex Jemenda l-Kodiċi Ċivili (Att Nru. XI ta' l-2005); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 288 ta' l-2005: Att ta' l-2004 biex Jemenda l-Kodiċi Ċivili (Att Nru. VI ta' l-2004); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 289 ta' l-2005: Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276); Ordni ta' l-2005 dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni.

GOVERNMENT NOTICES

No. 860

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,803 and 17,805 of the 9th and 12th August, 2005, respectively.

L.N. No. 283 of 2005: Malta Travel and Tourism Services Act (Cap. 409); Tourism Accommodation Establishments (Amendment) Regulations, 2005.

L.N. No. 284 of 2005: Malta Travel and Tourism Services Act (Cap. 409); Fees (Tourism) (Amendment) Regulations, 2005.

L.N. No. 285 of 2005: Veterinary Services Act (Cap. 437); Methods of Analysis for the Official Control of Feedingstuffs Rules, 2005.

L.N. No. 286 of 2005: Various Laws (Amendment) Act, 2005 (Act No. XIII of 2005); Notice of coming into force.

L.N. No. 287 of 2005: Civil Code (Amendment) Act, 2005 (Act No. XI of 2005); Notice of coming into force.

L.N. No. 288 of 2005: Civil Code (Amendment) Act, 2004 (Act No. VI of 2004); Notice of coming into force.

L.N. No. 289 of 2005: Extradition Act (Cap. 276); Extradition (Designated Foreign Countries) Order, 2005.

A.L. Nru. 290 ta' l-2005: Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw l-Iskeda A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Emenda Nru. 2).

A.L. Nru. 291 ta' l-2005: Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Materjali li jiġu f'Kuntatt ma' Oġġetti ta' l-Ikel.

Is-16 ta' Awissu, 2005

L.N. No. 290 of 2005: Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12); Code of Organization and Civil Procedure (Schedule A) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2005.

L.N. No. 291 of 2005: Food Safety Act (Cap. 449); Materials in Contact with Foodstuffs (Amendment) Regulations, 2005.

16th August, 2005

Nru. 861

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Awissu, 2005, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

It-12 ta' Awissu, 2005
(OPM 1/2005)

No. 861

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assumes the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance with effect from Friday, 12th August, 2005, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

12th August, 2005

Nru. 862

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Awissu, 2005 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 861 tat-12 ta' Awissu, 2005 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-12 ta' Awissu, 2005
(OPM 1/2005)

No. 862

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed duties as Prime Minister and Minister of Finance on Friday, 12th August, 2005 and that the arrangements made by Government Notice No. 861 of the 12th August, 2005, ceased to have effect accordingly.

12th August, 2005

Nru. 863

ATT DWAR TFAL U ŻGĦAŻAGĦ (ORDNIJIET GĦALL-ĦARSIEN) (KAP. 285)

Ħatra ta' *Chairperson* tal-Bord Konsultattiv dwar Tfal u Żgħażagħ

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 11 taa' l-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien) (Kap. 285), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approvat il-ħatra ta' Ms Jane Azzopardi, S.N., Dip.(Soc. Work) bħala *Chairperson* tal-Bord Konsultattiv dwar Tfal u Żgħażagħ, għall-perijodu 5 ta' Awissu, 2005 sas-17 ta' Frar, 2006.

Il-ħatra taċ-*Chairperson* tal-Bord Konsultattiv dwar Tfal u Żgħażagħ, ippubblikata fl-4 ta' Marzu 2005, bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 217, hija b'din imħassra.

Is-16 ta' Awissu, 2005

No. 863

CHILDREN AND YOUNG PERSONS (CARE ORDERS) ACT (CAP. 285)

Appointment of Chairperson of the Children and Young Persons Advisory Board

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 11 of the Children and Young Persons (Care Orders) Act (Cap. 285), and for the purpose of that Act, the Minister for the Family and Social Solidarity has approved the appointment of Ms Jane Azzopardi, S.N., Dip.(Soc.Work) as Chairperson of the Children and Young Persons Advisory Board, for the period 5th August, 2005 to the 17th February, 2006.

The appointment of the Chairperson of the Children and Young Persons Advisory Board, published by Government Notice No. 217 on the 4th March 2005, is hereby repealed.

16th August, 2005

Nru. 864

KODIĊI TAL-KUMMERĊ (KAP. 13)

Avviż ta' Liċenza

LIĊENZA ġdida maħruġa mill-Kamra tal-Kummerċ u Intrapriża ta' Malta lill-aġenti tal-kummerċ skond l-artikolu 71 (5) tal-Kodiċi Kummerċjali (Kap. 13).

Nru. ta' liċenza *Licence No.*	Ditta li taħtha jsir negozju *Style of Firm under which business is carried on*	Isem u Kunjom tal-persuna li ngħatatilha liċenza *Name and Surname of person to whom licence has been granted*	Indirizz tan-Negozju *Business Address*
1477	Technoline Ltd.	Mr Simon Cusens	51, Edgar Bernard Street, Gżira GZR 06

Is-16 ta' Awissu, 2005

No. 864

COMMERCIAL CODE (CAP. 13)

Notice of Licence

NEW licence issued by the Malta Chamber of Commerce and Enterprise to commercial agents in accordance with section 71 (5) of the Commercial Code (Cap. 13).

16th August, 2005

Nru. 865

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIŻ-ŻEJTUN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 405, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' Mejju, 2000, taħt it-titolu 'Numri Ġodda ta' Bibien fiż-Żejtun', għandhom isiru dawn l-emendi:

No. 865

RENUMBERING OF DOORS AT ŻEJTUN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 405, published in Government Gazette dated 12th May, 2002, under the title of 'Renumbering of Doors at Żejtun', the following amendments should be made:

SKEDA/*SCHEDULE*
ŻEJTUN

TRIQ HAL ĠWANN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Xandru Farrugia

Left side entering from Triq Xandru Farrugia

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
St. Dominic	25
Garages' Entrance	27
Garage	29
Empty Site	31-37
Garage	39

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Xandru Farrugia

Right side entering from Triq Xandru Farrugia

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*

Għandhom jinqraw
Should read

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
St. Dominic	25
Garages' Entrance	27
Garage	29
Garage	31
St. Catherine	33
Empty Site	35-37
Garage	39

Isem/Numru Qadim
Old Name/Number

Numru Ġdid
New Number

It-12 ta' Awissu, 2005

12th August, 2005

Nru. 866

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-FURJANA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 708, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Lulju, 2005, taħt it-titolu 'Numri Ġodda ta' Bibien fil-Furjana', għandhom isiru dawn l-emendi:

No. 866

RENUMBERING OF DOORS AT FLORIANA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 708, published in Government Gazette dated 8th July, 2005, under the title of 'Renumbering of Doors at Floriana', the following amendments should be made:

SKEDA/*SCHEDULE*
FLORIANA

Għandha tiġi kkanċellata
Should be cancelled

PJAZZA FILIPPO SCEBERRAS

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Sant'Anna

Left side entering from Triq Sant'Anna

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Side Door (Shop)	1
19, De Rohan	3
Shop	5
21, Pinto	7
Side Door	9

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Sant'Anna

Right side entering from Triq Sant'Anna

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
13	2
11A	4
11, Żgħażagħ Haddiema Nsara	6
Side Door	8
8A	10
Transport House	11

Għandha taqra
Should read

TRIQ PIETRO FLORIANI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Sant'Anna

Left side entering from Triq Sant'Anna

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Side Door (Shop)	1
19, De Rohan	3
Shop	5
21, Pinto	7
Side Door	9
20 (Flats)	13
21 (Flats)	15
23 (Flats)	17
24, S.G. Group Ltd.	19
25 (Flats)	21
26, Hili Company	23

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Sant'Anna

Right side entering from Triq Sant'Anna

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
13	2
11A	4
11, Żgħazagħ Haddiema Nsara	6
Side Door	8
8A	10
Transport House	11
Falzon and Falzon	12
17	14
15, Bellevue House	16
Door without number	18
13	20

Borża ta' Malta	25

12, (Awtorita' tad-Djar)	22
22, (Awtorita' tad-Djar)	24
Door (Awtorita tad-Djar)	26
9	28
8	29
7	30
6	31
5 (Garage)	32
Flats without number	33
3 (Garage)	34
2 (Flats)	35
Garage	36

It-12 ta' Awissu, 2005

12th August, 2005

Nru. 867

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-KALKARA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 569, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Lulju, 1998, taħt it-titolu 'Numri Ġodda ta' Bibien fil-Kalkara', għandhom isiru dawn l-emendi:

No. 867

RENUMBERING OF DOORS AT KALKARA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 569, published in Government Gazette dated 21st July, 1998, under the title of 'Renumbering of Doors at Kalkara', the following amendments should be made:

SKEDA/*SCHEDULE*
KALKARA

TRIQ IS-SIENJA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq ir-Rnella

Left side entering from Triq ir-Rnella

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq ir-Rnella

Right side entering from Triq ir-Rnella

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Acjo	136
Garage	138
Garage	140
House without number	142

Għandhom jinqraw
Should read

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Acjo	136
Garage	138
House under construction	140
Garage	140A
House without number	142

It-12 ta' Awissu, 2005

12th August, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 46 ta' l-2005

Logħob tan-Nar mill-Bajja ta' San Ġiljan

Se jsir logħob tan-nar minn fuq barkun irmiġġat f'nofs il-Bajja ta' San Ġiljan, 200 metru 'l bogħod mill-eqreb kosta minn nhar it-Tnejn, it-22 ta' Awissu 2005 sal-Ħadd, id-29 ta' Awissu 2005.

Id-dati u l-ħinijiet tal-logħob se jkunu kif ġejjin:

Nhar it-Tnejn it-22, nhar l-Erbgħa l-24, nhar il-Ħamis il-25 u nhar il-Ġimgħa s-26 ta' Awissu 2005 mis-7.00 p.m. 'il quddiem.

Nhar is-Sibt, is-27 u nhar il-Ħadd, it-28 ta' Awissu 2005 il-ġurnata kollha.

L-inġenji tal-baħar u l-għawwiema kollha huma mwissija biex iżommu mhux anqas minn 200 metru 'l bogħod mill-barkun irmiġġat.

Tbaħħir fil-Bajja matul il-wirjiet tan-nar huwa pprojbit.

Is-16 ta' Awissu, 2005

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 46 of 2005

Fireworks Displays from St Julian's Bay

Fireworks displays will be let off from a barge moored in the middle of St Julian's Bay, 200 metres away from nearest shore from Monday, 22nd August 2005 to Monday, 29th August 2005.

The dates and timings of the displays are as follows:

On Monday 22nd, Wednesday 24th, Thursday 25th and Friday 26th August 2005 from 7.00 p.m. onwards.

On Saturday, 27th and Sunday 28th August 2005 all day.

All craft and bathers are warned to keep well and in any case clear not less than 200 metres from the moored barge.

Navigation within the Bay is prohibited during the actual fireworks displays.

16th August, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Medical Laboratory Technologist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Medical Laboratory Technologist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1 Il-post ta' *Medical Laboratory Technologist* għandu salarju ta' Lm4,889 fis-sena, li jiżdied b'Lm152 fis-sena sa massimu ta' Lm5,801 (Skala ta' Salarju 12). Persuna fil-grad ta' *Medical Laboratory Technologist* tiġi promossa fil-grad ta' *Senior Medical Laboratory Technologist* fi Skala Nru. 10 (Lm5,507 x 175 – Lm6,557) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Medical Laboratory Technologist* li għandha xi lawrja rikonoxxuta fil-*Medical Laboratory Science* titqiegħed fi Skala Nru. 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skond liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' *Medical Laboratory Technologist* gradwata tiżdied fis-salarju għal Skala Nru. 9 (Lm5,841 x 192 – Lm6,993) meta' tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' *Medical Laboratory Technologist* gradwat.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Medical Laboratory Technologist in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the filling of posts of Medical Laboratory Technologist in the Health Division.

2.1 The post of Medical Laboratory Technologist carries a salary of Lm4,889 per annum, rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,801 (Salary Scale 12). A Medical Laboratory Technologist will be promoted to the grade of Senior Medical Laboratory Technologist in Scale No. 10 (Lm5,507 x 175 – Lm6,557) on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. A Medical Laboratory Technologist in possession of a recognised degree in Medical Laboratory Science will be placed in Salary Scale 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Medical Laboratory Technologist will progress to Scale No. 9 (Lm5,841 x 192 – Lm6,993) on completion of two years service as graduate Medical Laboratory Technologist. A graduate Medical Laboratory

Persuna fil-grad ta' *Medical Laboratory Technologist* gradwata tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Medical Laboratory Technologist* wara sentejn servizz fil-grad ta' *Medical Laboratory Technologist* jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuni nominati jkunu intitolati għall-benefiċċji l-oħra u jkunu suġġetti għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Medical Laboratory Technologist* jinkludu:

a) li tagħmel xogħol analitiku u ta' teknika fil-laboratorji mediċi b'mod li tkun assigurata l-ogħla kwalità fir-riżultati;

b) tħaddem sewwa u b'effiċjenza strumenti u *analysers* tal-laboratorji;

ċ) tistabbilixxi l-validità ta' riżultati ta' analiżi.

d) tuża s-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mill-*Personnel Section,* Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. Il-persuni magħżula jkunu meħtieġa jaħdmu fuq bażi ta' *shift* li jinkludi xogħol bil-lejl skond *rosters* stabbiliti fid-Divizjoni.

6. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta; jew
(b) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew
(ċ) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni* ; jew
(d) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(a), (b) u (ċ) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.
L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f'(b), (ċ) u (d) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.'

(e) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

Technologist will be promoted to Senior Medical Laboratory Technologist on completion of two years service in the grade of Medical Laboratory Technologist, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Medical Laboratory Technologist include:

a) carrying out analytical and other medical laboratory techniques in a manner that ensures the highest quality of results;

b) operating laboratory instruments and analysers properly and efficiently;

c) determining the validity of analysis results;

d) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. The selected candidates will be required to perform duties on a shift basis including night duty according to the established rosters in the Division.

6. Applicants must:-

(a) be citizens of Malta; or
(b) citizens of another European Union Member State; or

(c) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply* ; or

(d) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (a), (b) and (c) above and who resides in Malta.
The eligibility of candidates referred to at (b), (c) and (d) above is subject to their obtaining a work permit.'

(e) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(f) ikollhom ċertifikat li juri li huma reġistrati bħala *Medical Laboratory Scientist* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina (Malta);

(g) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* dawk li japplikaw minn barra s-servizz għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji)

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Dizabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:

http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu

(f) be in possession of a certificate of registration as Medical Laboratory Scientist with the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

(g) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:

http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be

sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Divizjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Settembru 2005.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta ikollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

* F'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE.

Is-16 ta' Awissu, 2005

submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 9th September 2005.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

*In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply.

16th August, 2005

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Konsultazzjoni Pubblika

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tgħarraf illi fis-6.00 p.m ta' nhar it-Tnejn, il-5 ta' Settembru, 2005, fil-Corinthia Jerma Palace Hotel, Marsascala, se ssir konsultazzjoni pubblika dwar it-twaqqigħ ta' l-impjant eżistenti u bini ta' strutturi ġodda li jinkludu *material recovery facility, mechanical treatment plant, digestion plant* u impjant għall-kompost, f'Marsascala (PA02838/GF02623/03).

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Public Hearing

The Malta Environment and Planning Authority notifies that at 6.00 p.m. on Monday, 5th September, 2005, at the Corinthia Jerma Palace Hotel, Marsascala, there will be a public hearing on the demolition of the existing plant and its replacement including new structures to accommodate a material recovery facility, a mechanical treatment plant, a digestion plant and composting plant, at Marsascala (PA02838/GF02623/03).

Wieħed jista' jara l-kopji ta' l-*Environment Impact Statement* għand l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St Francis Ravelin, il-Furjana, u l-uffiċini tal-Kunsilli Lokali ta' Marsascala, Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun, waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Kummenti bil-miktub dwar l-impatt ta' l-iżvilupp propost għandhom jaslu sat-12 ta' Settembru, 2005, għand id-Direttur, Direttorat għall-Ħarsien ta' l-Ambjent, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St Francis Ravelin, il-Furjana.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu fuq il-*website*: www.mepa.org.mt

Is-16 ta' Awissu, 2005

The public may inspect copies of the draft Environment Impact Statement at the Malta Environment and Planning Authority, St Francis Ravelin, Floriana, and the offices of the Marsascala, Żabbar and Żejtun Local Councils during office hours.

Written submission on the impact of the proposed development should be sent to the Director, Environment Protection Directorate, Malta Environment and Planning Authority, St Francis Ravelin, Floriana, up to 12th September, 2005.

Further details can be obtained from the website: www.mepa.org.mt

16th August, 2005

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Riżultat ta' l-Intervista għall-Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Rheumatology Nurse* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-intervista għall-ingaġġ imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali tad-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Is-16 ta' Awissu, 2005

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Result of Interview for the Engagement on Contract for the Position of Rheumatology Nurse in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Director General notifies that the result of the interview for the above-mentioned engagement may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

16th August, 2005

KUNSILL LOKALI BORMLA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70(1) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar il-Ħamis, il-25 ta' Awissu 2005 fil-Kunsill Lokali Bormla fis-6.30 p.m.

Dawk ir-residenti li isimhom jidher fir-Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali Bormla huma mħeġġa jattendu u jressqu l-kummenti tagħhom.

Is-16 ta' Awissu, 2005

BORMLA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with section 70(1) of the Local Councils Act (Cap. 363), an annual locality meeting will be held on Thursday, 25th August 2005 at the Bormla Local Council at 6.30 p.m.

All residents whose name appears on the Electoral Register for the Bormla Local Council are urged to attend and make their comments.

16th August 2005

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-18 ta' Awissu, 2005 għal:

CT 45/2005. Provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' *Maritime Coast Radio Station* li se jiġi inkorporat fil-*Global Maritime Distress and Safety System (GMDSS)* – Forzi Armati ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-11 ta' Frar 2005.

CT 215/2005. Provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' għamara u tagħmir tal-laboratorju fiċ-Ċentri tat-Trasfużjoni Nazzjonali u Donazzjonijiet tad-Demm, Guardamangia – Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. *(Transition Facility 2004 – Budget* Allokat: *Euros* 540,000 minħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-21 ta' Ġunju 2005.

CT 209/2005. Kiri ta' vetturi bil-mutur għall-Awtorità Maltija dwar it-Turiżmu.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-14 ta' Ġunju 2005.

CT 210/2005. Provvista ta' New Abacus 4 u 5 t*extbooks* għall-Iskejjel Primarji 2005-2006 – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-14 ta' Ġunju 2005.

CT 250/2005. Provvista ta' *RT-PCR influenza test kits* b'tagħmir b'self – Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-23 ta' Awissu, 2005 għal:

CT 222/2005. Evalwazzjoni ta' l-effiċjenza ta' l-implimentazzjoni tal-*Malta Single Programming Document (SDP)* (2004-2006) – Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Dan huwa *Service Procurement Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta taħt l-I*structural Funds Programme* u hija mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp *(ERDF). (Budget* Allokat: Lm30,000 minħajr V.A.T.).

CT 227/2005. Provvista u stallazzjoni ta' *multimedia projectors* fl-Iskejjel Sekondarji, Laboratorji ta' l-*ICT* - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 18th August, 2005, for:

CT 45/2005. Supply, installation and commissioning of a Maritime Coast Radio Station to be incorporated in the Global Maritime Distress and Safety System (GMDSS) – Armed Forces of Malta. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th February 2005.

CT 215/2005. Supply, delivery, installation and commissioning of laboratory furniture and equipment at the National Blood Transfusion and Blood Donation Centres, Guardamangia – Department of Health. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document. (Transition Facility 2004 – Allocated Budget: Euros 540,000 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 21st June 2005.

CT 209/2005. Motor vehicle leasing to Malta Tourism Authority.

The EU Contract Notice was dispatched on 14th June 2005.

CT 210/2005. Supply of New Abacus 4 and 5 textbooks for Primary Schools 2005-2006 – Education Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 14th June 2005.

CT 250/2005. Supply of RT-PCR influenza test kits with equipment on loan – Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 23rd August, 2005, for:

CT 222/2005. Evaluation of the efficiency of the implimentation of Malta Single Programming Document (SPD) (2004-2006) – Office of the Prime Minister.

This is a Service Procurement Notice under the Local Open Tender Procedure. This is a Structural Funds Programme tender and is partially funded by The European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lm30,000 excluding V.A.T.).

CT 227/2005. Supply and installation of multimedia projectors in Secondary Schools, ICT Laboratories - Education Division. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

CT 228/2005. Sorveljanza ta' fdal f'ikel li joriġina minn annimali - *Food and Veterinary Regulation Division*. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 229/2005. Provvista ta' *modular scaffolding* ġdid biex jintuża mill-*Unit* tar-Restawr għal xogħlijiet ta' restawr fil-Bibljoteka Nazzjonali, Valletta - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 230/2005. Provvista ta' *non woven material 1200mm x 1200mm* - Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-25 ta' Awissu, 2005 għal:

CT 253/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *carbon steel bars* għar-rinfurzar tal-konkrit lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 260/2005. *Setting up* ta' *Media Centre* għal waqt il-*Commonwealth Heads of Government Meeting (CHOGM)* - Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-30 ta' Awissu, 2005 għal:

CT 225/2005. Bini u semi-tkomplija ta' Blokki 1-3, *maisonettes* 1-2, Tal-Ġebel l-Abjad, Marsascala - Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm200 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 226/2005. Kuntratt perjodiku għall-*handling* u *compaction* ta' skart permess f'Ta' Żwejra *Engineered Landfill* u biex tiehu ħsieb xogħlijiet oħra fil-*Waste Management Complex* tal-Magħtab - WasteServ Malta Ltd. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 236/2005. Bini u semi-tkomplija ta' *maisonettes* D55-D62, Pembroke – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 237/2005. Provvista ta' ħut (Malta) – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 238/2005. Provvista ta' perżut imsajjar u mħawwar (Malta) – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 228/2005. Residue surveillance in food of animal origin - Food and Veterinary Regulation Division. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 229/2005. Supply of a new modular scaffolding to be used by the Restoration Unit for restoration works at the National Library, Valletta - Works Division. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 230/2005. Supply of non woven material 1200mm x 1200mm - Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 25th August, 2005, for:

CT 253/2005. Period contract for the supply of carbon steel bars for the reinforcement of concrete to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 260/2005. Setting up of a Media Centre during the Commonwealth Heads of Government Meeting (CHOGM) - Ministry of Foreign Affairs. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 30th August, 2005, for:

CT 225/2005. Construction and semi finishing of Blocks 1-3, maisonettes 1-2, Tal-Ġebel l-Abjad, Marsascala - Housing Construction and Maintenance Department. Tender documents may be collected from the Housing Construction and Maintenance Department, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera, between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm200 for each copy of tender document.

CT 226/2005. Period contract for the handling and compaction of permitted waste delivered at the Ta' Żwejra Engineered Landfill and to undertake other works within the Magħtab Waste Management Complex - WasteServ Malta Ltd. A fee of Lm100 will be charged for each copy of tender document.

CT 236/2005. Construction and semi finishing of maisonettes D55-D62, Pembroke – Housing Construction and Maintenance Department. Tender documents may be collected from the Housing Construction and Maintenance Department, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm100 for each copy of tender document.

CT 237/2005. Supply of fish (Malta) – Department of Health.

CT 238/2005. Supply of cooked cured ham (Malta) – Department of Health.

CT 239/2005. Provvista ta' madum tat-tip *gres porcellenato* fl-akwadotti f'Birkirkara u Ħal Balzan – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 240/2005. Provvista ta' servizzi ta' *audio guide* fl-Ipoġew, f'Raħal il-Ġdid – *Heritage Malta*. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 241/2005. Provvista ta' konkos tat-tip *ready mixed* biex jintuża b'mod ġenerali u għall-baħar f'Għawdex – Ministeru għal Għawdex.

CT 242/2005. Provvista ta' *powdered soups* (Malta) – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 243/2005. Provvista ta' frott u ħaxix (Malta) – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 244/2005. Provvista ta' ħaruf (Malta) – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 247/2005. *Construction management services* għal xogħlijiet ta' toroq fi Triq Ħal Far, Birżebbuġa (Fażi 3) - Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Din hija *Service Procurement Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF). (*Budget* Allokat: Lm50,000 bil-V.A.T.).

CT 248/2005. *Construction management services* għal xogħlijiet ta' toroq minn San Lawrenz sa Triq ir-Rabat, fir-Rabat, Għawdex - Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Din hija *Service Procurement Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF). (*Budget* Allokat: Lm50,000 bil-V.A.T.).

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-1 ta' Settembru, 2005 għal:

CT 252/2005. Provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' *sound system* għall-Awditorju fil-Junior College – l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-6 ta' Settembru, 2005 għal:

CT 246/2005. *Prequalification* ta' skavar u ġarr ta' ħamrija għall-bini ta' kanal għall-ilma tax-xita minn Għajn Riħana sas-Salini - Taqsima tax-Xogħlijiet.

CT 239/2005. Supply and delivery of gres porcellenato tiles at aqueducts at Birkirkara and Balzan – Works Division. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 240/2005. Provision of audio guide services at the Hypogeum, Paola – Heritage Malta. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 241/2005. Supply of ready mixed concrete for general and maritime use in Gozo – Heritage Malta. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 242/2005. Supply of powdered soups (Malta) – Department of Health.

CT 243/2005. Supply of fruits and vegetables (Malta) – Department of Health.

CT 244/2005. Supply of lamb (Malta) – Department of Health.

CT 247/2005. Construction management services for road works at Triq Ħal Far, Birżebbugia (Phase 3) - Roads Directorate. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

This is a Service Procurement Notice under the Local Open Tender Procedure. This is partially funded by The European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lm50,000 including V.A.T.).

